# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' April, 2002.**

**Numru**

**Avviz numru 32/98 DM**

**Francis Tonna**

**vs**

**Vincent Grixti**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI ; L-AVVIZ PROMOTORJU</u>**

1. B'avviz Nru. 32/98 DM, ir-rikorrent talab il-kundanna tal-konvenut intimat sabiex :-

(i) Jirrestitwixxi u jirritorna lill-attur appellant il-vettura bil-mutur Morris Marina Nru, J7325(M) ;

(ii) Jigi kkundannat ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata mill-ewwel Qorti ghall-uzu tal-imsemmija vettura li ghamel il-konvenut appellat mill-11 ta' Mejju 1983 sad-data li effettivament jirritorna u jirrestitwixxi l-istess vettura lill-attur ;

(iii) Ihallas lill-attur id-danni sofferti konsegwenzjali ghad-deprezzament u deterjorament tac-citata vettura, prevja dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti tar-responsabbilita' tal-istess konvenut appellat wara li dawn id-danni jigu likwidati mill-istess Qorti ;

(iv) Jghid ghaliex l-ewwel Qorti ma kellhiex tillikwida l-valur, li ghall-fini tal-kompetenza ma jeccedix Lm650 tat-truck Nru. B 4578 (M), nieqsa pero' l-ispejjez imhallsin ghalih mill-attur, u dana skond sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Mejju 1993 fil-kawza fl-ismijiet inversi (Citaz. Nru. 631/89F).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru tal-31 ta' Dicembru 1997 kontra l-konvenut appellat ingunt ghas-subizzjoni tieghu ;

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT</u>**

2. Il-konvenut eccepixxa li gej :-

(i) Fl-ewwel lok l-inkompetenza, 'ratione valoris' ai termini tal-Art, 747 tal-Kap. 12 ;

(ii) Fit-tieni lok ir-'res judikata' ;

(iii) Fit-tielet lok l-azzjoni attrici hija irritwali peress illi dina ma hijiex preceduta minn talba dikjaratorja ta' responsabilta' ;

(iv) Fir-raba' lok it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li sal-lum l-attur ghadu ma ottemprax ruhu mad-decizjoni tal-Qorti tal-Kummerc tal-10 ta' Mejju 1993 in re "Vincent Grixti vs Francis Tonna (Citazzjoni Numru 631/89 F) ;

(v) Salvi eccezzjonijiet ohra.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

3. B'sentenza taghha moghtija fis-6 ta' Lulju 2001, l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut appellat u ddikjarat ruhha inkompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra r-rikorrent appellant.

**<u>L-APPELL TA' L-ATTUR</u>**

4. Ir-rikorrent hass ruhu aggravat b'dina d-decizjoni u interpona appell minnha fuq l-aggravji segwenti :-

(i) Illi bir-rispett kontrarjament ghal dak ritenut mill-ewwel Qorti, dina kienet pjenament kompetenti biex tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici ;

(ii) Il-mertu tal-kawza huwa l-'quantum' tad-danni sofferti mill-appellant konsegwenzjali ghar-resoluzzjoni ta' negozju dwar il-vetturi 'de quo', bejn il-kontendenti u mhux dwar l-istess vetturi ;

(iii) Illi inoltre, l-attur apellant innifsu rradifika l-gurisdizzjoni tal-ewwel Qorti fir-raba talba tieghu meta ddikjara u llimita l-pretensjoni ghal anqas minn Lm650.

(iv) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, illum, u in vista tal-emendi recenti dwar il-kompetenzi rispettivi tal-Qrati u tat-Tribunali, l-appellant qieghed ukoll jinvoka l-'jus superveniens', stante illi meta nghatat ic-citata sentenza, l-imsemmija emendi kienu gja 'in vigore' ;

Illi t-talbiet attrici gew intavolati wara s-sentenza tas-6 ta' Lulju 2001 u in konformita' mal-istess sentenza, u jirrigwardaw biss *mhux* il-valur tal-vetturi in kwistjoni izda l-kumpens dovut lir-rikorrent kemm ghat-tiswijiet, rikonoxxuti fl-istess sentenza, li kien lahaq ghamel fil-vettura tal-konvenut appellat, kif ukoll il-kumpens lilu dovut ghad-deprezzament fil-

vettura tar-rikorrent u ghall-uzu sal-gurnata tal-lum tal-istess vettura, mill-appellat, li naqas li jirritornaha, u dana nonostante diversi interpellazzjonijiet ;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent appellant talab illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fis-6 ta' Lulju 2001, billi tiddikjara li l-ewwel Qorti kienet kompetenti biex tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici, u b'hekk tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut appellat, u billi terga tinvija l-atti quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tas-smiegh tal-kawza u eventwali sentenza.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' VINCENT GRIXTI</u>**

5. L-appellat wiegeb hekk :-

L-appell interpost mill-attur huwa wiehed futili u guridikament bla bazi. Forsi jkun jibbasta s-segwenti bran mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell kolleggjalment komposta tas-7 ta' Ottubru 1997 in re <u>"Francis Refalo noe vs Jason Azzopardi et"</u> :-

"Hu l-att promotur kif intavolati t-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kelllha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw l l-kompetenza taghha."

Huwa evidenti illi fil-kaz in disamina l-Qorti kien jehtigielha tinvesti materja li tmur oltre l-kompetenza taghha. Kif sancit fl-Artikolu 747(1) Kapitolu 12 il-valur incert jew indeterminat jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-Qorti ta' gurisdizzjoni limitata ; multo magis, imbaghad fejn il-valur tal-haga ma jirrizultax mit-talba tal-attur, u lanqas dan ma jista jigi determinat minn wiehed mill-modi dettati mil-ligi. (Artikolu 747(2)(d)).

Ghalkemm hu veru li normalment ligijiet ta' procedura japplikaw immedjatament ghall-kazijiet li ghadhom sub-judice, b'danakollu l-fatt taz-zieda fil-valur ghall-fini tal-kompetenza mhuwiex wahdu u per se determinanti biex jinnewtralizza n-normi l-ohra tal-ligi procedurali, essenzjalment dawk relattivi ghall-Eccezzjoni tal-Inkompetenza (Sub-titolu III ta' titolu II – Fuq l-Eccezzjonijiet).

Ghall-motivi suesposti l-appell interpost ghandu jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

6. L-aggravju ta' l-appell jirrigwarda punt ta' procedura dwar l-inkompetenza ratione valoris o meno tal-ewwel Qorti dwar materja li tinvesti u tikkomprendi l-vertenza in ezami. Fi kliem iehor, il-meritu veru fil-kawza ghadu impregudikat u mhux deciz.

7. L-attur appellant intavola kawza fil-Qorti tal-Magistrati. Fiha huwa ddikjara illi ghal fini ta' kompetenza il-valur tas-sorte me jeccedux sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650). Dan huwa espressament imnizzel fl-avviz promotorju f'postella inserita appozitament. Ovvjament b'daqstant ma jfissirx li allura l-kawza trid tinstema' u tigi deciza bilfors quddiem Qorti Inferjuri l-ghaliex jekk imbaghad jirrizulta li l-vertenza tkun in realta' tikkomprendi ammont jew sorte li, f'termini pekunjarji, komplessivament ikunu jeccedu dana l-valur hekk dikjarat, allura jista' jkun tassew il-kaz ta' inkompetenza ratione valoris. Fl-istess waqt pero' ma jistax jigi argomentat, kif in parte gie sottomess mill-appellat, li hawn si trattava ta' valur incert jew indeterminat jew li, alternattivament, il-valur tal-haga ma jirrizultax mit-talba tal-attur. Lanqas l-ewwel Qorti fil-fatt ma qalet xi haga simili. Kwindi, ir-riferenza li saret f'dan ir-rigward ghall-artikolu 747(1) u 2(d) tal-Kap. 12 mill-appellat ma tapplikax.

8. Jirrizulta li dak li induca lill-ewwel Qorti biex tilqa' l-eccezzjoni ta' inkompetenza ratione valoris kienet ibbazata fuq dak li gie migbur u jittrapela mid-deposizzjonijiet tal-kontendenti u in partikolari li,

> "l-attur qed jitlob bl-ewwel talba tieghu ir-restituzzjoni tal-vettura Marina. Din it-talba timplika l-valur in eccess ta' Lm1000 li kienet tiddelimita l-kompetenza ta' din il-Qorti "ratione valoris".

9. Gara inoltre li fil-mori tal-proceduri giet in vigore ligi li emendat il-ligi tal-procedura taghna, u dan il-fatt hu pacifiku u mhux in kontestazzjoni, u li allura in forza tieghu ifisser li nel frattemp il-

kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Sede Civili) telghet ghal Lm1,500 – somma li tfisser li f'kull kaz issa din il-kawza tista' tigi trattata u deciza quddiem dik il-Qorti li tat is-sentenza appellata. Ma jaghmilx sens ghalhekk li llum, b-applikabbilita' tal-"jus superveniens", li l-appellant jigi aktar imgieghel jirriproponi l-kawza tieghu quddiem Qorti Civii Superjuri. Fil-fatt dan il-punt gie anke koncess sa certu punt mill-appellat stess fir-risposta ta' appell tieghu in kwantu ssottometta li hu veru

> "li normalment ligijiet ta' proceduri japplikaw immedjatament ghall-kazijiet li ghadhom subjudice …..",

ghalkemm imbaghad ikompli jargomenta li xorta wahda ma kienx il-kaz li jigi akkolt l-appell.

10. Din il-Qorti, fic-cirkostanzi, jidhrilha li ghalkemm l-ewwel Qorti kienet korretta li fil-vertenza tiehu kont ta' kull ammnt implikat u kompriz fit-talba in litigju, u allura sew iddecidiet, madankollu l-posizzjoni procedurali attwali ma tistax tiskartaha jew tinjoraha daqs li kieku ma tezistix.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata kif moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta), fl-istess waqt tiddikjara u tiddeciedi wkoll li in forza tal-jus superveniens li din il-kawza xorta wahda ghandha tinstema u tigi deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) in vista tal-fatt li

llum din taqa' fil-kompetenza taghha anke <u>ratione valoris</u> u ghalhekk ukoll qieghda tordna li l-atti tal-kawza jintbaghtu f'dik il-Qorti mir-Registratur tal-Qorti skond il-ligi.

In vista tas-suespost, l-ispejjez gudizzjarji relativi ghall-ewwel istanza jibqghu kif gja' decizi, filwaqt li dawk tat-tieni istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dep/Reg

mg